MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2003

Numru 800/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Bonello)**

**vs**

**STEPHEN MIFSUD**
**maghruf bhala in-Noqqu**

**Illum 25 ta'Novembru, 2003**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Stephen Mifsud maghruf bhala in-Noqqu ta' 31 il-sena bin Carmelo u Mary nee' Debono mwieled Pieta' fit-08/07/1972 u joqghod 51 Triq L-Assunta, Marsa li ghandu karta tal-identita numru 425172(M), gie akkuzat:

Talli fiz-17 ta’ Settembru 2003 ghall-habta tat-03.30 ta’ wara nofs inhar fil-Marsa hebb ghall-Simon Spiteri u kkagunalu griehi ta’ natura gravi skond kif iccertifika Dr. Allan Drago M.D. ta’ l-Isptar San Luqa;

aktar talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied jew b’xi mod iehor;

aktar talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi hebb kontra Simon Spiteri sabiex jingurja, idejjaq jew jaghmel hsara lill din il-persuna;

aktar talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta u bil-ponta mighajr licenzja minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;

Il-Qorti giet mitluba li minbarra li tapplika il-piena skond il-ligi biex tipprovdi ghas-sigurta ta’ Simon Spiteri u l-familja tieghu torbot lill-imsemmi Stephen Mifsud b’obbligazzjoni tieghu inifsu taht penali li l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa.

Semghet provi.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok MB1 u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li rega’ gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Innutat li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta ta' llum li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u li issa ghandu familja u jidher li qed jaqbad it-triq it-tajba.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 214, 215, 216, 217, 338(dd) u 339(1)(d) tal-Kap.9 u l-artikolu 13(1) tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Stephen Mifsud maghruf bhala in-Noqqu, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u li issa ghandu familja u jidher li qed jaqbad it-triq it-tajba u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Stephen Mifsud maghruf bhala in-Noqqu ghall-piena komplessiva ta' sentejn prigunerija u tordna li din is-sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' erba (4) snin millum l-imputat Stephen Mifsud maghruf bhala in-Noqqu jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikoli 383(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat Stephen Mifsud maghruf bhala in-Noqqu b'obbligazzjoni personali ta' mitt Lira Maltin (Lm100) li bl-ebda mod ma' jimmolesta lil Simon Spiteri u l-familja tieghu ghal zmien sena millum

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 19 tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-konfiska tad-Dok MB13.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Stephen Mifsud l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikoli 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------